MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 93/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonjiet dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Josef Grech, detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 267081(M), talli fid-9 ta' Ottubru 2010, għall-ħabta ta' 1.40 p.m kif ukoll fil-ġimgħat ta' qabel din id-data f'Raħal Ġdid:

(1) saq il-vettura tal-għamla 'Renault Laguna' ta' kulur Blu b'*chassis* Nru: VF1BG0B0524326771, mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` ghat- Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq;

(2) saq l-imsemmija vettura ta’ għamla ‘Renault Laguna’ mingħajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) kellu l-imsemmija vettura ta’ għamla ‘Renault Laguna’ fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, u nqast li tara li jkollha liċenzja maħruġa mill-Awtorita` għat-Trasport f’Malta u mġedda kull sena;

(4) saq l-imsemmija vettura ta’ għamla ‘Renault Laguna’ u għamel użu minn marka ta’ reġistrazzjoni xort’oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita` għat-Trasport f’Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

(5) saq l-imsemmija vettura ta’ għamla ‘Renault Laguna’ u waħħal pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni ‘SURMAST’ li ma kinux jirreferu jew jappartjenu għal dik il-vettura partikolari, liema pjanċi tar-reġistrazzjoni kienu maħruġa għal vettura oħra;

(6) saq l-imsemmija vettura ta’ għamla ‘Renault Laguna’ mingħajr ma kellu pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni maħruġa jew mogħtija mill-Awtorita` għat-Trasport f’Malta li jkunu juru l-marka tar-reġistrazzjoni ta’ dik il-vettura;

(7) bil-ħsieb li jagħmel użu temporanju mill-imsemmija vettura ta’ għamla ‘Renault Laguna’ saq din il-vettura kemm b’forza mekkanika jew b’mod ieħor naqas li jkollu permess tas-sid jew awtorita` kompetenti oħra:

(8) inġurja u/jew hedded lil P.C. 32 B. Agius persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Il-prosekuzzjoni talbet li 1-imsemmi Josef Grech jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhriha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-21 ta’ Frar 2012 li

permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat 1-artikoli [*recte:* regolamenti] 13(1), 32(1)(5), 44(5) LN.198/2009, u l-artikoli 15(1)(a)(3), 61(1) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Josef Grech, sabitu ħati ta’ l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta’ tlett elef u sitt mitt euro (€3,600) pagabbli fuq medda ta’ tliet (3) snin f’pagamenti rateali ta’ mitt euro (€100) fix-xahar u f’każ li jonqos milli jħallas pagament wieħed 1-ammont kollu jkun dovut, u sospensjoni tal-liċenzja għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellate;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Josef Grech ippreżentat fit-28 ta’ Frar 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi tnaqqas il-multa inflitta u tordna li l-multa tibda titħallas minn dak in-nhar li huwa joħroġ mill-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:
“… l-ewwel aggravju ta’ l-esponent jikkonsisti fil-fatt illi l-piena inflitta fis-sentenza appellata mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ tlett elef u sitt mitt euro (€3,600) pagabbli b’rati ta’ mitt euro (€100) fix-xahar fi żmien tliet snin hija ferm eċċessiva minn dik li kellha tingħata skond il-liġi u r-regolamenti applikabbli b’ referenza għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

“Dwar il-piena pekunjarja tal-multa ta’ €3,600 għandu jingħad li din il-piena kellha tkun ferm inqas minħabba l-fatt li kien hemm ċertu fatti favur l-akkużat li ma ġewx ikkunsidrati mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Ta’ min jgħid li dan il-każ tal-esponenti, fejn huwa saq vettura mingħajr ma kienet koperta b’polza ta’ l-assigurazzjoni kif trid il-liġi, kien l-ewwel każ tiegħu, fejn forsi b’nuqqas ta’ attenzjoni u b’xi ftit ewforija u eċċitament wara li xtara l-ewwel vettura tiegħu wara li rnexxilu jġib il-liċenzja tas-sewqan biex ikun jista’ jsuq vettura fit-toroq Maltin, ħareġ

isuq il-vettura imsemmija f'dan l-appell qabel ma mar japplika għall-polza ta' assikurazzjoni ma' Kumpanijja ta' 1-Assikurazzjoni biex b'hekk ikun kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni kif trid il-liġi. Illi dan kien fatt ta' 1-akbar importanza fejn l-esponenti mhux għax ried imma bi traskuraġni sforz l-eċċitament li kellu huwa nesa japplika għal assikurazzjoni. Illi tant dan huwa minnu li ma' l-ewwel opportunita` li kellu huwa rregolarizża l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-liġi billi applika għall-polza ta' l-assikurazzjoni wara 1-inċident tad-9 ta' Ottubru 2010.

"Illi fatt ieħor li l-ewwel qorti kellha tikkonsidra fir-rigward tar-reat li huwa għamel użu minn vettura meta fir-rigward ta' din il-vettura ma kienx hemm polza ta' l-assikurazzjoni fis-seħħ bi ksur ta' l-artikolu 3(1) ta' l-Ordinanza dwar 1-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa li huwa kkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija Eżekuttiva fir-rigward ta' dan in-nuqqas tiegħu li ma kienx konformi ma' dan ir-rekwiżit impost mil-liġi li biex isuq vettura irid ikun kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni u ma' l-ewwel opportunita` li kellu rregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Illi fl-aħħar nett, fatt ieħor ta' importanza massima huwa l-fatt li huwa ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu fosthom li huwa saq vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni.

"Illi għal dawn ir-raġunijiet fejn l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha naqset milli tikkunsidra dawn il-fatti fl-għoti tal-piena tal-multa jidher bl-aktar mod ċar li l-piena tal-multa fir-rigward ta' 1-akkuża numru tnejn kellha tkun fil-minimu tagħha kif preskritt mil-liġi fl-imsemmija Ordinanza. Ta' min jgħid li fl-imsemmija Ordinanza, fl-artikolu 3(2)(a), il-piena hija fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn elfejn u mitejn u disgħa u għoxrin euro (€2,329.37) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija fiimkien. Illi l-liġi f'din l-imsemmija disposizzjoni fir-rigward tal-pienà addebitata għal reat taħt l-àrtikolu 3(1) ta' l-Ordinanza ffissat il-*minimum* tal-multa u l-*maximum* tal-multa u fl-iffissar tal-*minimum* u l-*maximum* tat diskrezzjoni lill-Qorti dwar x'piena għandha tagħti jekk

mhux 1-anqas, l-aktar, jew fin-nofs. Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza li tat, kellha teżercita d-diskrezzjoni tagħha li timponi l-inqas multa u mhux tagħti multa li hija ferm aktar mill-*minimum* tagħha. Illi dan seta' jsir mill-ewwel qorti peress li kien hemm ċertu cirkostanzi ta' fatt favur l-akkużat fosthom li l-każ imsemmi kien l-ewwel wieħed, li huwa kkoopera ma' l-awtoritajiet, u li ammetta l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu fi stadju bikri tal-proċeduri.

"Illi fir-rigward tar-reati addebitati lill-esponent fl-akkużi nuinri 1, 3, u 4, għalkemm kemm fil-Kap. 65 u fl-Avviż Legali 198 ta' l-2009 l-piena tal-multa hija ffissata fil-massimu tagħha, il-piena ma kellhiex tingħata fil-massimu tagħha, imma inqas mill-massimu għar-raġunijiet elenkati fil-paragrafu ta' qabel f'dan 1-ewwel aggravju. Dan peress li l-każ imsemmi kien l-ewwel każ ta' l-esponent fejn huwa kkoopera bis-sħiħ ma' l-Awtoritajiet u ammetta l-akkużi fil-konfront tiegħu fi stadju bikri. Illi fir-rigward ta' l-akkużi numri 6 u 7 peress li 1-liġi tippreskrivi l-*minimum* tal-multa u tagħti diskrezzjoni lill-Qorti fl-applikazzjoni tal-piena din id-diskrezzjoni kellha tiġi applikata a favur ta' l-esponent għar-ragunijiet li ssemmew f'dan ir-rikors. Fir-rigward ta' l-akkuża numru 6 l-inqas piena hija dik ta' €25 skont ir-regolament numru 44(7)(d), filwaqt li fir-rigward ta' l-akkuża numru 7 il-*minimum* ta' piena skond l-artikolu 61(1) tal-Kap. 65 hija dik tal-multa ta' €116.47. Illi fir-rigward ta' 1-akkuża numru 5, b'referenza għar-regolament numru 32(5) ta' l-Avviż Legali imsemmi, liema regolament ġie kkwotat mill-ewwel qorti fl-applikazzjoni tal-piena fis-sentenza tagħha, għandu jingħad li l-Avviż Legali msemmi ma japplikax piena f'każ ta' ksur ta' dak li jippreskrivi r-regolament numru 32(5), billi fir-regolament numru 44 dwar il-pieni li jistgħu jiġu applikati f'każ ta' ksur tar-regolamenti m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'inhi l-piena f'każ ta' ksur tar-regolament numru 32(5) b'referenza għal pjanċi ta' reġistrazzjoni li ma jkunux inħarġu mill-Awtorita` tat-Trasport jew ma jkunux jirreferu jew jappartjenu għal dik il-vettura partikolari.

"Illi finalment, b'referenza għal dan l-aggravju limitatament għall-piena inflitta, l-ewwel qorti kellha tapplika l-artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) favur l-akkużat peress li l-

esponent kien akkużat b'numru ta' reati li għalihom hemm piena pekunjarja. Din id-disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali tistipula li meta persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal-multa jew ammenda ogħla jew ta' l-ogħla multa jew ammenda, skond il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi. Skond dan l-artikolu huwa kellu jeħel il-multa ta' €2,329.37 taħt l-artikolu 3(2)(a) tal-Kap 104 flimkien ma' nofs il-multi 1-oħra għar-reati addebitati fil-konfront tiegħu. Illi bl-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi fil-Kodiċi Kriminali, tenut kont ta' l-ogħla multa ta' €2,329.37 u nofs il-multi l-oħra flimkien applikati fil-massimu tagħhom fejn il-liġi tippreskrivi biss il-massimu, il-multa komplessiva ma kellhiex tkun ta' aktar minn €3,235.

"Illi għaldaqstant, wara li ġew elenkati dawn ir-raġunijiet f'dan l-ewwel aggravju limitatament għal piena, din 1-Onorabbli Qorti ta' 1-Appell għandha tirriforma 1-piena fir-rigward tal-multa inflitta billi timponi multa anqas minn dik imposta mill-ewwel Qorti.

"Illi, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, it-tieni aggravju ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li huwa fiċ-ċirkostanzi personali li jinsab fihom ma jistax iħallas il-multa imposta ta' tlett elef u sitt mitt euro (€3,600) mill-Ewwel Qorti li ghandha titħallas fuq perjodu ta' tliet snin b'rati ta' mitt euro (€100) fix-xahar.

"Illi 1-esponenti jixtieq jissolleva l-fatt li huwa jinsab f'impossibilita` li jħallas il-multa imposta fuqu peress li huwa fil-preżent jinsab detenut fuq arrest preventiv fuq ordni tal-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr Antonio Mizzi fil-pendenza ta' proċeduri kriminali quddiem l-istess Maġistrat, u ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fil-pendenza ta' l-istess proċeduri. Illi din id-detenzjoni żżommu milli jinvolvi ruħu f'ħidma bi qligħ, bħala impjegat jew għal rasu, li minnha jkun jista' jipperċepixxi ammont ta' dħul li minnhom ikun jista' jħallas il-multa inflitta. Illi din ir-restrizzjoni fuq l-esponent toħroġ mill-fatt li huwa ma jistax joħroġ barra l-limiti tal-Faċilita`

Korrettiva ta’ Kordin biex huwa jkun jista’ jmur ja]dem fuq xogħol utli kemm bħala impjegat jew għal rasu.

“Illi, għaldaqstant, peress li huwa fil-preżent ma jistax jipperċepixxi dħul finanzjarju, qiegħed fl-impossibilita` li jħallas il-multa sakemm huwa jibqa’ detenut fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Illi din 1-Onorabbli Qorti ta’ Appell għandha tieħu in konsiderazzjoni dan il-fatt altrimenti jkun hemm l-assurdita` li s-sentenza ta’ multa tinbidel f’sentenza ta’ priġunerija ta’ ġurnata għal kull €11.65 skond l-artikoli 13 u 14 tal-Kodiċi Kriminali. Illi tkun assurdita` li l-piena ta’ multa imposta mill-ewwel qorti tinbidel fi priġunerija għax l-esponent ma ħallasx il-multa fiż-żmien stipulat għax fil-preżent jinsab detenut fl-imsemmija Faċilita` u minħabba f’ hekk m’għandux flus biex iħallas il-multa.

“Illi, għaldaqstant, din 1-Onorabbli Qorti, wara li tikkonsidra din 1-impossibilita`, għandha tilqa’ dan it-tieni aggravju tal-esponent billi tordna li l-multa għandha tibda titħallas b’effett minn dak in-nhar li joħroġ mill-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin.”

**6.** Mill-atti jirriżulta illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu fl-ewwel seduta miżmuma mill-ewwel Qorti. L-ammissjoni tiegħu kienet inkondizzjonata. Issa, fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta’ appell ma jidħlux f’eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna,

ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** Din il-Qorti tibda biex tgħid, b'referenza għas-sottomissjonijiet ta' l-appellant, illi jekk l-appellant nesa japplika għal polza ta' assikurazzjoni minħabba dak li jiddeskrivi bħala "nuqqas ta' attenzjoni u b'xi ftit ewforija u eċċitament wara li xtara l-ewwel vettura tiegħu", la huma skużanti u wisq anqas ġustifikanti. Fi kwalunkwe każ la jirriżulta li din kienet l-ewwel karozza li kien xtara u lanqas li kien għadu kemm xtraha. P.S. 1067 Mario Spiteri jgħid fl-affidavit tiegħu:

"Mistoqsi x'kien ġara sewwa, is-Sur Grech qal li xi xhur qabel, hu kien xtara l-vettura Renault fejn minħabba li kien għad baqa' xi dejn fuqha kienu għadu ma sarx it-trasferiment tagħha. Grech żied jgħid li hu kien qiegħed iżomm il-vettura li kien xtara ġewwa garaxx fejn hu kien iddeċieda li kellu jmur dawra biha fejn waħħal in-numri tar-reġistrazzjoni tal-vettura l-oħra li hu għandu fuq il-vettura Renault fejn mar biha sal-każin tal-banda."

Il-fatt li waħħal l-pjanċi ta' vettura oħra juri illi l-appellant kien konxju sew tal-fatt li r-Renault ma kinitx assikurata.

**8.** In kwantu dak li jgħid illi kkoopera mal-Pulizija, ma jidhirx illi wera l-kooperazzjoni tiegħu mill-ewwel, tant illi mill-affidavit ta' P.C. 32 Bernard Agius jirriżulta illi waqt illi l-istess P.C. 32 kien qiegħed jiċċekkja l-vettura in kwistjoni, l-appellant mar biex jaqla' l-pjanċi minn fuqha u P.C. 32 kellu jwaqqfu. Imbagħad l-appellant "mar fejn sħabu u beda jgħajjat: 'Ħalluh, aħjar bniedem jaħdem milli jirreġistra kif ħa jagħmel dan'. U kompla jgħid li ħa jkellem lil Insp. D. Zammit u qal: 'Imbagħad tkun taf'." Difatti fost l-imputazzjonijiet li l-appellant ammetta għalihom hemm dik li huwa inġurja u/jew hedded lil P.C. 32 B. Agius, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz. Huwa minnu illi, mill-affidavit ta' P.S. 1067 Mario Spiteri jirriżulta illi xi jiem wara dan l-inċident l-appellant mar l-għassa ta' Raħal Ġdid u

ppreżenta l-*log book*, l-assigurazzjoni u n-numri tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Iżda, jekk il-proċess biex jirregolarizża l-pożizzjoni tiegħu ħa biss ftit jiem, dan iġiegħel lil din il-Qorti ssaqsi x'kien qiegħed iżommu milli jagħmel hekk qabel ma joħroġ il-karozza fit-triq.

**9.** B'referenza għall-pieni applikabbli, kif tajjeb josserva l-appellant, il-piena applikabbli għas-sewqan ta' vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni, fil-każ tal-ewwel reat, hi dik ta' multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien.[1] Jiġifieri m'hemmx dubju li l-piena nflitta taqa' fil-parametri tal-liġi anke jekk jittieħed kont biss ta' din l-imputazzjoni. Biss l-appellant ammetta diversi imputazzjonijiet oħra. Hekk, fil-każ ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet li jistgħu jitqiesu assorbiti f'xulxin, il-piena hi ta' multa ta' mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur. Fir-rigward tar-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet li jistgħu jitqiesu assorbiti f'xulxin, l-appellant jghid illi r-regolament 44 ma jsemmi l-ebda piena applikabbli għal ksur tar-regolament 32(5). Pero` m'għandux raġun. Issa, ir-regolament 32(5) ta' l-Avviż Legali 198/2009 jipprovdi: **"Ebda pjanċi ma għandhom jitwaħħlu ma' vettura bil-mutur jekk dawk il-pjanċi ma jkunux inħarġu mill-Awtorità u jekk dawk il-pjanċi ma jkunux jirriferu jew jappartjenu għal dik il-vettura partikolari."** Imbagħad ir-regolament 44(5) jipprovdi: **"Kull persuna li tagħmel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat."** Dan ir-reat jirrifletti ruħu fl-imputazzjoni numru 4. Il-piena jipprovdi għaliha r-regolament 44(6): **"Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt is-subregolamenti (1), (2), (3), (4) u (5) ta' dan ir-regolament tista' teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew priġunerija għal żmien ta'**

[1] Artikolu 3(2)(a) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

**mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, sakemm ma tkunx tapplika penali ogħla taħt xi liġi oħra, f'liema każ il-Qorti għandha tapplika dik il-penali oħra jew din il-penali miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi, skont liema waħda hi l-ogħla."** Għal dak li jirrigwarda s-seba' imputazzjoni, il-piena hi dik ta' **"priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) iżda mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien."**[2] Il-piena għat-tmien imputazzjoni f'dan il-każ hi dik tal-kontravvenzjonijiet.[3] Jiġifieri bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 l-appellant seta' ġie kkundannat sa multa massima ta' €5,492.72, u dan minbarra l-fatt li seta' ġie kkundannat ukoll għal piena ta' priġunerija.

**10.** Meqjusin iċ-ċirkostanzi tal-każ, u partikolarment il-volontarjeta` tal-mod kif aġixxa l-appellant, u tenut kont anke tal-fatt li l-appellant fir-rikors ta' appell tiegħu jgħid illi l-multa komplessiva ma kellhiex tkun ta' aktar minn €3,235, din il-Qorti ma tistax tqis il-multa nflitta mill-ewwel Qorti bħala *wrong in principle* jew *manifestly excessive*. Bħalma ntqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere**

[2] Artikolu 61(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 95(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [4]

**11.** Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-multa. Għalhekk l-ewwel aggravju huwa miċħud.

**12.** Kwantu għat-tieni aggravju, peress illi mid-dikjarazzjoni magħmula fl-atti llum jirriżulta illi l-appellant m'għadux inkarċerat, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**13.** Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-ewwel ħlas tal-pagamenti mensili ta' mitt euro (€100) il-wieħed għandu jsir mhux aktar tard mill-aħħar tax-xahar preżenti u jekk l-appellant ifalli pagament wieħed jiġi minnufih dovut il-bilanċ kollu li jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi. Inoltre l-perijodu ta'

[4] Page 1695, para. D23.45

sena sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta’ l-appellant jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------